



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Mejju 2012  
(OR. en)**

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2011/0249 (NLE)**

---

**14764/11  
ADD 27 REV 1**

**WTO 329  
AMLAT 84  
SERVICES 96  
COMER 193**

---

**ATTI LEġISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħħa l-oħra

---

## **ANNESS II**

### **DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI" U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

**WERREJ**

**TAQSIMA 1**

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Artikolu 1      Definizzjonijiet

**TAQSIMA 2**

**DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"**

Artikolu 2	Rekwiżiti Ġeneral
Artikolu 3	Akkumulazzjoni tal-Orígini
Artikolu 4	Akkumulazzjoni ta' Oriġini ma' Pajjiżi Oħra
Artikolu 5	Prodotti Miksuba Kompletament
Artikolu 6	Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed
Artikolu 7	Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti
Artikolu 8	Unità ta' Kwalifika
Artikolu 9	Aċċessorji, Spare Parts u Għodod
Artikolu 10	Settijiet
Artikolu 11	Elementi Newtrali

### TAQSIMA 3

#### REKWIŻITI TERRITORJALI

- Artikolu 12 Princípj u tat-Territorjalità
- Artikolu 13 Trasport Dirett
- Artikolu 14 Wirjet

### TAQSIMA 4

#### PROVI TAL-ORIĠINI

- Artikolu 15 Rekwiżiti Ġenerali
- Artikolu 16 Proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1
- Artikolu 17 Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 Maħruġ Retrospettivament
- Artikolu 18 Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 Duplikat
- Artikolu 19 Ħruġ ta' Ċertifikati ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 abbażi ta' Prova tal-Orīgini maħruġa jew mfassla qabel
- Artikolu 20 Kondizzjonijiet biex Titfassal Dikjarazzjoni fuq il-Fattura
- Artikolu 21 Esportatur Approvat
- Artikolu 22 Validità tal-Prova tal-Orīgini
- Artikolu 23 Preżentazzjoni ta' Prova tal-Orīgini

Artikolu 24	Importazzjoni Rateali
Artikolu 25	Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini
Artikolu 26	Dokumenti ta' Sostenn
Artikolu 27	Żamma tal-Prova tal-Oriġini u Dokumenti ta' Sostenn
Artikolu 28	Diskrepanzi u Żbalji Formali
Artikolu 29	Ammonti Espresso f'Euro

#### TAQSIMA 5

### ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 30	Kooperazzjoni bejn Awtoritajiet Kompetenti
Artikolu 31	Verifika tal-Provi tal-Oriġini
Artikolu 32	Soluzzjoni tat-Tilwim
Artikolu 33	Penalijiet
Artikolu 34	Żoni Ħielsa

#### TAQSIMA 6

### CEUTA U MELILLA

Artikolu 35	Applikazzjoni ta' dan l-Anness
Artikolu 36	Kundizzjonijiet Speċjali

## TAQSIMA 7

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### Artikolu 37

Emendi għal dan l-Anness

#### Artikolu 38

Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Prodotti fi Tranżitu jew f'Ħażna

### LISTA TA' APPENDIĊI

Appendiċi 1: Noti introduttori għal-lista fl-Appendiċi 2

Appendiċi 2: Lista ta' xogħol jew proċessar meħtieġ li jitwettaq fuq materjali mhux orīginarji sabiex il-prodott manifatturat jikseb status orīginarju.

Appendiċi 2A: Addendum għal-lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar li jrid isir fuq materjali li ma jorīginawx sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status ta' oriġini

Appendiċi 3: Kampjuni ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR 1

Appendiċi 4: It-test tad-dikjarazzjoni ta' fattura

Appendiċi 5: Prodotti li għalihom japplika s-sottoparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward tal-prodotti orīginarji mill-Perù u l-Kolombja

**DIKJARAZZJONIJIET  
DWAR L-ANNESS II DWAR ID-DEFINIZZJONI  
TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"  
U DWAR METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 tal-Anness II dwar prodotti oriġinarji mill-Perù u l-Kolombja.

Dikjarazzjoni konġunta tal-Perù u l-Kolombja dwar l-Artikolu 5 tal-Anness II dwar prodotti oriġinarji mill-Unjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipat ta' Andorra

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Anness II dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti Oriġinarji" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva

## TAQSIMA 1

### DISPOŻIZZJONIET ĠENERALI

#### ARTIKOLU 1

##### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

- "akkwakultura" tfisser il-koltivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, inkluż ħut, molluski, krustaċji, invertebrati akkwatiċi oħra u pjanti akkwatiċi, mill-ħażna ta' żerriegħa bħal bajd, iż-żgħar tal-ħut, il-bajd imfaqqas u larva, bi ndħil fit-trobbija jew il-proċessi ta' tkabbir biex tiżdied il-produzzjoni, bħal stokkjar regolari, it-tmigħ, il-ħarsien minn predaturi, eċċ.;
- "kapitoli" u "intestaturi" tfisser il-kapitoli u l-intestaturi ta' kodiċi ta' żewġ figuri u ta' erbgħa, rispettivament, użati fin-nomenklatura li tifforma d-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Oġġetti Bażiċi u s-Sistema ta' Kodifikazzjoni, li f'dan l-Anness tissejja "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";
- "klassifikat" tirreferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt intestatura partikolari;

- "awtoritajiet kompetenti jew awtoritajiet doganali" tirreferi għall-korpi governattivi li ġejjin:
  - (a) fir-rigward tal-Kolombja, il-Ministerio de Comercio, Industria y Turismo jew id-Dirección de Impuestos de Aduanas Nacionales, jew is-suċċessuri tagħhom;
  - (b) fir-rigward tal-Perù, il-Ministerio de Comercio Exterior y Turismo, jew is-suċċessuri tiegħu; u
  - (c) fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- "konsenja" tfisser prodotti li jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed jew li jkunu koperti b'dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mill-esportatur għad-destinatarju jew, fl-assenza ta' tali dokument, b'fattura waħda;
- "valur doganali" tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim ta' Valutazzjoni Doganali;
- "prezz ex-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott kif joħroġ mill-fabbrika lill-manifattur fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju li f'intrapriża tiegħu sar l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, bit-tnejx is-saq is-saqqis ta' kull taxxa interna li tiġi, jew li tista' tiġi, imħallsa lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

- "oġġetti" tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
- "manifattura" tfisser kull tip ta' xogħol jew ipproċessar li jinkludi assemblaġġ jew operazzjonijiet speċifiċi;
- "materjal" tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jekk parti, eċċ., użat fil-manifattura tal-prodott;
- "prodott" tfisser il-prodott li jkun qed jiġi manifatturat, anke jekk ikun maħsub għal użu aktar 'il quddiem fxi operazzjoni oħra ta' fabbrikazzjoni;
- "materja prima" tfisser sustanza bażika fl-istat tagħha naturali, jew fi stat modifikat jew semiproċessat, użata bħala element fi proċess ta' produzzjoni għal modifika jew trasformazzjoni sussegwenti fi prodott lest;
- “valur tal-materjali mhux orīginarji” tfisser il-valur doganali fil-ħin tal-importazzjoni tal-materjali mhux orīginarji użati jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għal materjali mhux orīginarji fl-Unjoni Ewropea jew fPajjiż Andin firmatarju.

## TAQSIMA 2

### DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

#### ARTIKOLU 2

##### Rekwiżiti Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea:
  - (a) prodotti miksuba kompletament fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 5; u
  - (b) prodotti miksuba fl-Unjoni Ewropea li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma fl-Unjoni, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 6.
2. Għall-finijiet ta' implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju:
  - (a) prodotti miksuba kollha kemm huma fdak il-Pajjiż Andin firmatarju, skont it-tifsira tal-Artikolu 5; u

- (b) prodotti miksuba f'Pajjiż Andin firmatarju li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma fih, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati bieżżejjed f'dak il-Pajjiż Andin firmatarju skont it-tifsira tal-Artikolu 6.

## ARTIKOLU 3

### Akkumulazzjoni tal-Oriġini

1. Materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala materjali li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju meta jkunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk. Mhux meħtieġ li materjali ta' dan it-tip jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti, f'dak il-Pajjiż Andin firmatarju, sakemm ikunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 7.
2. Materjali li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju għandhom jitqiesu bħala materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju ieħor meta jkunu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk. Mhux meħtieġ li materjali ta' dan it-tip jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju ieħor, sakemm ikunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dak imsemmi fl-Artikolu 7.

3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafi 1 u 2, il-materjali li joriġinaw fil-Kosta Rika, fEl Salvador, fil-Gwatemala, fil-Honduras, fin-Nikaragua, fil-Panama, fil-Venezuela jew fPajjiż Membru tal-Komunità Andina li mhux Parti ta' dan il-Ftehim għandhom jitqiesu bħala materjali li joriġinaw fPajjiż Andin firmatarju meta jiġu pproċessati jew inkorporati ulterjorment fi prodott miksub hemmhekk.
4. Sabiex il-prodotti msemmija fil-paragrafu 3 jiksbu status originalju mhux meħtieġ li l-materjali jkun sar fuqhom biżżejjed xogħol jew ipproċessar, kemm-il darba:
  - (a) ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali mwettaq fil-Pajjiżi Andini firmatarji jkun sebaq l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7;
  - (b) il-materjali oriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi elenkti fil-paragrafu 3, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini identiċi għal dawk applikabbli daqslik ieku dawn il-materjali kienu esportati direttament fl-Unjoni Ewropea <sup>1</sup>; u
  - (c) arranġamenti eżistenti fis-seħħ bejn il-Pajjiżi Andini firmatarji u l-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafu 3 jippermettu proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva xierqa li jiżguraw l-implementazzjoni sħiħa ta' dan il-paragrafu, kif ukoll tal-Artikolu 15 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-istatus originalju tal-prodotti u tal-Artikolu 31 dwar il-verifika.

---

<sup>1</sup> F'każ li wieħed mill-pajjiżi elenkti fil-paragrafu 3 ma jkunx beneficijarju ta' arrangement preferenzjali tal-UE għandhom japplikaw ir-regoli ta' dan il-Ftehim.

5. L-istatus originalarju ta' materjali esportati minn pajjiż imsemmi fil-paragrafu 3 lejn Pajjiż Andin firmatarju biex jintużaw f'xogħol jew ipproċessar ulterjuri għandu jiġi stabbilit permezz ta' prova ta' oriġini li biha dawn il-materjali jistgħu jkunu esportati direttament fl-Unjoni Ewropea.
6. Il-prova tal-istatus originalarju miksuba skont il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 4, ta' prodotti esportati fl-Unjoni Ewropea, għandha tīgi stabbilita permezz ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR. 1 jew dikjarazzjoni fuq il-fattura mfassla fil-pajjiż ta' esportazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 (Prova ta' Oriġini). Dawn id-dokumenti għandu jkollhom fuqhom il-kliem "akkumulazzjoni ma' [isem il-pajjiż]".

## ARTIKOLU 4

### Akkumulazzjoni ta' Oriġini ma' Pajjiżi Oħra

1. Fuq talba ta' Pajjiż Andin firmatarju jew tal-Unjoni Ewropea, il-materjali li joriġinaw f'pajjiż tal-Amerika Ċentrali<sup>2</sup>, tal-Amerika ta' Isfel jew tal-Karibew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ f'dan l-Artikolu bħala "non-Parti") għandhom jitqiesu bħala materjali li joriġinaw, rispettivament, f'Pajjiż Andin firmatarju jew fl-Unjoni Ewropea meta jiġu pproċessati ulterjorment jew inkorporati fi prodott miksib hemmhekk.

---

<sup>2</sup> Din ir-referenza tinkludi l-Istati Uniti tal-Messiku.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi indirizzata lis-Sottokunitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Orīgini (minn issa 'l-quddiem imsejjaħ “is-Sottokunitat”) skont l-Artikolu 68, is-sottoparagrafu 2(f) tal-Ftehim.
3. Sabiex il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jiksbu status oriġinarju mhux meħtieġ li l-materjali jkun sar fuqhom bieżżejjed xoġħol jew ipproċessar, kemm-il darba:
  - (a) ix-xoġħol jew l-ipproċessar tal-materjali mwettaq fil-Pajjiżi Andini firmatarji jew fl-Unjoni Ewropea jkun sebaq l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7;
  - (b) il-materjali oriġinaw f'non-Parti, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini identiċi għal-dawk applikabbli daqslikieku dawn il-materjali kienu esportati direttament lejn il-Pajjiżi Andini firmatarji jew lejn l-Unjoni Ewropea, rispettivament; u
  - (c) il-Pajjiżi Andini firmatarji, l-Unjoni Ewropea u n-non-Parti jew in-non-Partijiet ikkonċernati għandhom arranġament ta’ proċeduri ta’ kooperazzjoni amministrattiva xierqa li jiżguraw l-implementazzjoni sħiħa ta’ dan il-paragrafu, kif ukoll tal-Artikolu 15 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-prodotti u tal-Artikolu 31 dwar il-verifika.
4. Il-Partijiet għandhom jaqblu, fi ħdan is-Sottokunitat, dwar il-materjali li għalihom għandu japplika dan l-Artikolu.

5. L-akkumulazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu tista' tkun applikata kemm-il darba:
  - (a) ikunu fis-seħħ ftehimiet kummerċjali preferenzjali li huma konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 bejn il-Pajjiżi Andini firmatarji u n-non-Parti kkonċernata, u bejn l-Unjoni Ewropea u din in-non-Parti, rispettivament;
  - (b) ikun hemm dispożizzjonijiet akkumulattivi ekwivalenti għal dawk stipulati taħt dan l-Artikolu fil-ftehimiet imsemmija fis-sottoparagrafu (a), sabiex id-dispożizzjonijiet akkumulattivi japplikaw b'mod reċiproku bejn il-Pajjiżi Andini firmatarji, l-Unjoni Ewropea u n-non-Parti jew in-non-Partijiet ikkonċernati, rispettivament; u
  - (c) ġew ippublikati avviżi li juru s-sod isfazzjon tar-rekwiżiti meħtieġa biex tīgħi applikata l-akkumulazzjoni skont dan l-Artikolu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (is-serje Ċ), u fil-pubblikazjonijiet uffiċjali tal-Pajjiżi Andini firmatarji u tan-non-Parti jew tan-non-Partijiet ikkonċernati, skont il-proċeduri tagħhom stess.
6. Il-Partijiet jistgħu jaqblu mas-Sottokunitat dwar kondizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU 5

### Prodotti Miksuba Kompletament

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kompletament fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju:
  - (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija, minn taħt il-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;
  - (b) prodotti tal-ħxejjex miġbura jew maħsuda hemmhekk;
  - (c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;
  - (d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;
  - (e) (i) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd li jseħħu hemmhekk;  
(ii) prodotti tal-akkwakultura, inkluża l-marikultura, fejn il-ħut, il-krustacjji, il-molluski u invertebrati akkwatiki oħra jitwieldu jew jitrabbew hemmhekk;

- (f) prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar mill-bastimenti tagħhom<sup>3</sup>;
  - (g) prodotti magħmula abbord il-vapuri fabbrika esklużivament minn prodotti msemmija fis-sottoparagrafu (f);
  - (h) materja prima rkuprata minn oġġetti użati miġbura hemmhekk;
  - (i) skart u rimi li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;
  - (j) prodotti estratti mill-ħamrija tal-baħar jew is-saff ta' taħt il-ħamrija barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew ta' Pajjiż Andin firmatarju, kemm-il darba jkollhom id-drittijiet li jaħdmu dik il-ħama jew is-saff ta' taħt; u
  - (k) oġġetti prodotti hemmhekk esklużivament minn prodotti speċifikati fis-sottoparografi (a) sa (j).
2. It-termini "il-bastimenti tagħhom" u l-"vapuri fabbrika tagħhom" fis-sottoparagrafi 1(f) u 1(g) għandhom japplikaw għal bastimenti u vapuri fabbrika li huma konformi mal-kondizzjonijiet stabiliti fid-Dikjarazzjonijiet meħmuża ma' dan l-Anness, li jikkostitwixxu parti integrali minn dan il-Ftehim.

---

<sup>3</sup> Għall-finijiet ta' dan is-sottoparagrafu, il-prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar permezz ta' dgħajjes ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ġewwa 200 mil nawtiku mil-linji ta' bażi ta' Pajjiż Andin firmatarju għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'dak il-Pajjiż Andin firmatarju; filwaqt li prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar permezz ta' dgħajjes ta' Pajjiż Andin firmatarju ġewwa 200 mil nawtiku mil-linji ta' bażi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU 6

### Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2, prodotti li mhumiex miksuba kompletament jitqiesu bħala li huma maħdumin jew ipproċessati meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Appendiċi 2 (minn issa 'l-quddiem tissejjaħ “il-lista”) ikunu sodis fatti.
2. Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jindikaw, għall-prodotti kollha koperti b'dan il-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċesar li għandu jitwettaq fuq il-materjali nonoriginarji użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti, u japplikaw biss b'relazzjoni ma' materjali ta' dan it-tip. Minn dan isegwi li jekk prodott li kiseb status ta' prodott li joriġina billi ssodisfa l-kondizzjonijiet msemmija fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li jiġi inkorporat fih ma japplikawx għalih, u l-materjali li ma joriġinawx li setgħu intużaw fil-manifattura tiegħu m'għandhomx jittieħdu in kunsiderazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, materjali nonoriginarji li, skont il-kondizzjonijiet mniżżla fil-lista, ma għandhomx jintużaw fil-manufattura ta' prodott jistgħu madanakollu jintużaw, kemm-il darba:

- (a) il-valur tagħhom totali ma jaqbiżx 10 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott; u
- (b) xi waħda mill-perċentwali li tinsab fil-lista għall-valur massimu ta' materjali nonoriginarji ma tinqabiżx permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

## ARTIKOLU 7

### Operazzjonijiet insuffiċjenti ta' Xogħol jew Ipproċessar<sup>4</sup>

1. Mingħajr īxsara għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jingħata l-i-status ta' prodott orīginarju, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 jkunu sodisfatti u kemm jekk le:
  - (a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
  - (b) separazzjoni u mmuntar ta' pakketti;
  - (c) ī ħasil, tindif, tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew xi kisi ieħor;
  - (d) mogħdija jew pressa ta' tessuti;
  - (e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa u lostru;
  - (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parzjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ross;

---

<sup>4</sup> Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, “sempliċi” ġeneralment tiddekskrivi attivitajiet li la jeħtieġu ħiliet speċjali u lanqas magni, apparat jew tagħmir prodott jew installat apposta għat-twettiq tal-attività. Taħlit sempliċi ma tinkludix reazzjoni kimika. Reazzjoni kimika tfisser proċess (inkluż proċess bijok imiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bit-tibdil tal-arranġament spazjali tal-atomi ġewwa molekula.

- (g) operazzjonijiet biex jingħata l-kulur jew it-to għma liz-zokkor jew biex iż-żkunu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallizzat;
- (h) tqaxxir, tneħħija tal-ġhadma jew tfesdiq ta' frott, ġewż u ħaxix;
- (i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħi sempliċi;
- (j) għarbil, skrinjar, sortjar, ikkl-assifikar, iggradar, tqabbil (inkluż l-immuntar f'settijiet ta' ogħetti);
- (k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, fjasketti, boroż, kontenituri, kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet l-oħra kollha sempliċi ta' ppakkjar;
- (l) twaħħil jew stampar<sup>5</sup> ta' marki, tikketti, simboli u sinjali oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;

---

<sup>5</sup> Stampar ta' marki, tikketti, simboli u sinjali ta' distinzjoni bħal dawn fuq il-karta jew sottostrat tal-plastika ma għandux jitqies bħala operazzjoni insuffiċjenti ta' xo għol jew ipproċessar skont it-tifxira tal-Artikolu 7 paragrafu 1, fejn l-oġġett stampat li jirriżulta jikkostitwixxi l-prodott finali li jrid jiġi esportat taħt il-preferenzi. Eżempju: il-manifattura u l-esportazzjoni ta' tikketti li jeħlu waħedhom; jew il-manifattura u l-esportazzjoni ta' imballaġġ bit-tikketta għal ogħetti, bħal pereżempju boroż tal-plastika għall-patata ċips. Iżda, il-fatt li l-operazzjoni ma titqiesx insuffiċjenti ma għandhiex fl-istess waqt titqies li tfisser li operazzjoni ta' din it-tip awtomatikament tikkonferixxi l-oriġini. Għal dan, ir-regola speċifika fl-Appendiċi 2 għall-prodott ikkonċernat trid tiġi sodisfatta.

- (m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le; taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materjal;
  - (n) l-immuntar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jikkostitwixxu oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;
  - (o) il-qatla ta' annimali; u
  - (p) taħlita ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar spċifikati fis-sottoparagrafi (a) sa (o).
2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fuq prodott spċifikat fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju għandhom jitqiesu flimkien meta jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-iproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

## ARTIKOLU 8

### Unità ta' Kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness għandha tkun dik tal-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika waqt id-determinazzjoni tal-klassifika bl-użu tan-nomenkatura tas-Sistema Armonizzata. Minn dan isegwi li:
  - (a) meta prodott, li jkun magħmul minn grupp jew ġabra ta' oġġetti, jiġi kklasifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, l-entità sħiħa tikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika; u
  - (b) meta kunsinna tikkonsisti f-numru ta' prodotti identiċi kklasifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jittieħed individualment meta jiġu applikati d-dispożizzjoniċi ta' dan l-Anness.
2. Fejn, skont ir-Regola 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ huwa inkluż mal-prodott għal raġunijiet ta' klassifika, dan għandu jiġi inkluż għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-oriġini<sup>6</sup>.

---

<sup>6</sup> Meta l-prodotti jikkwalifikaw bħala miksuba kompletament, l-imballaġġ ma għandux jitqies għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-oriġini.

## ARTIKOLU 9

### Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

Aċċessorji, spare parts u għodod mibgħuta bħala parti minn tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u huma inklużi fil-prezz tiegħu jew li mhumiex b'fattura separata, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura konċernata.

## ARTIKOLU 10

### Settijiet

Settijiet, kif iddefiniti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala orīginarji meta l-komponenti kollha jkunu orīginarji. Madankollu, meta sett ikun kompost minn prodotti orīginarji u oħra jn mhux orīginarji, is-sett sħiħ għandu jitqies bħala orīginarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux orīginarju ma jaqbisx il-15 fil-mija tal-prezz ex fabbrika tas-sett.

## ARTIKOLU 11

### Elementi Newtrali

Sabie x ikun iddeterminat jekk prodott joriġinax, mhux meħtieġ li tkun iddeterminata l-oriġini tal-elementi li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) l-enerġija u l-karburant;
- (b) l-impjant u t-tagħmir;
- (c) il-makkinarju u l-għodod; jew
- (d) oġġetti li ma jidħlux u li mħumiex intenzjonati li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

## TAQSIMA 3

### REKWIŻITI TERRITORJALI

#### ARTIKOLU 12

##### Prinċipju tat-Territorjalità

1. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2 marbuta mal-ksib tal-istatus originalarju jridu jiġu sodisfatti mingħajr qtugħ fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji.
2. Jekk jiġu lura oġġetti oriġinali esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Pajjiżi Andini firmatarji lejn pajjiż ieħor li mhux Parti minn dan il-Ftehim, dawn għandhom jitqiesu bħala non oriġinali, sakemm ma jiġix ippruvat għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet do ganali li:
  - (a) l-oġġetti li waslu lura huma l-istess bħal dawk esportati; u
  - (b) dawn ma jkunu għaddew minn ebda operazzjoni lil hinn minn dik meħtieġa biex jinżammu f'kondizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt li jkunu qed jiġu esportati.

## ARTIKOLU 13

### Trasport Dirett

1. It-trattament preferenzjali stipulat skont dan il-Ftehim japplika biss għal prodotti li jissod isfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness, li jiġu ttrasportati direttament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Andini firmatarji. Iżda, il-prodotti jitsgħu jiġu ttrasportati minn territorji oħra bi trasbord, skont l-okkorrenza, jew ħażna temporanja f'dawn it-territorji, kemm-il darba jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' tranżitu jew ta' ħażna temporanja u ma jgħaddux minn operazzjonijiet għajr dawk ta' ħatt, tagħbiha mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex jinżammu fkundizzjoni tajba.
2. Prodotti orīginarji jistgħu jiġu ttrasportati permezz ta' pajp li jgħaddi minn territorju li mhuwiex dak tal-Unjoni Ewropea jew tal-Pajjiżi Andini firmatarji.
3. Għandha tiġi pprovduta evidenza lill-awtoritajiet do ganali tal-Parti li tkun qed timporta li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ġew sodisfatti permezz tal-produzzjoni ta':
  - (a) dokumenti ta' trasportazzjoni, bħal poloz ta' trasport bl-ajru, poloz ta' kargu, dokumenti ta' manifest ta' kargu jew multimodali, jew ta' trasportazzjoni kkombinata, li jiċċertifikaw it-transport mill-pajjiż tal-oriġini lejn il-Parti li timporta;

- (b) dokumenti doganali li jawtorizzaw it-trasbord jew il-ħażna temporanja; jew
- (c) fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokument ġustifikattiv.

## ARTIKOLU 14

### Wirjet

1. Prodotti orīginarji, mibgħuta għal wirja f'pajjiż għajnej l-Unioni Ewropea u l-Pajjiżi Andini firmatarji u mibjugħha wara l-wirja għall-importazzjoni fl-Unioni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji għandhom jibbenefikaw mal-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim kemm-il darba jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:
  - (a) dawn il-prodotti mill-Unioni Ewropea jew mill-Pajjiżi Andini firmatarji ġew ikkunsinnati fil-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u ġew eżibiti hemmhekk minn esportatur;
  - (b) il-prodotti nbiegħu jew ingħataw b'mod ieħor minn dak l-esportatur lil persuna fl-Unioni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji;
  - (c) il-prodotti ġew kkonsenjati matul il-wirja jew minnufih wara fl-istat li fih dawn intbagħtu għall-wirja; u

- (d) il-prodotti ma kinux, sa minn meta kienu kkonsenjati għall-wirja, użati għal xi skop minbarra dak ta' demostrazzjoni fil-wirja.
2. Għandha tinħareġ jew titfassal prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 u tīgħi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tkun qed timporta bil-mod normali. Din għandha turi l-isem u l-indirizz tal-wirja. Fejn tkun meħtieġa, tista' wkoll tintalab prova dokumentarja addizzjonali tal-kondizzjonijiet li fihom l-oġġetti ġew eżibiti.
3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja, fiera jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal għanijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-neozju bl-għan tal-bejghħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

## TAQSIMA 4

### PROVI TAL-ORIĠINI

#### ARTIKOLU 15

##### Rekwiżiti Ġenerali

1. Il-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, mal-importazzjoni fil-Pajjiż Andin firmatarju, u l-prodotti li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju, mal-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, għandhom jibbenefikaw minn dan il-Ftehim, b'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Parti li importa, hekk kif jippreżentaw:
  - (a) ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1, li kampjun tiegħu jidher fl-Appendiċi 3; jew
  - (b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 20, paragrafu 1, dikkjarazzjoni, (minn issa 'l quddiem imsejħa “dikkjarazzjoni fuq il-fattura”) mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta’ kunsinna jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f’dettall suffiċjenti sabiex ikuu jistgħu jiġi identifikati; it-test tad-dikkjarazzjoni fuq il-fattura jidher fl-Appendiċi 4.
2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, il-prodotti orīginarji skont it-tifsira ta’ dan l-Anness, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 25, għandhom jibbenefikaw minn dan il-Ftehim mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat xi wieħed mid-dokumenti msemmija hawn fuq.

## ARTIKOLU 16

### Proċedura għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1

1. Ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR 1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta mal-applikazzjoni li tkun saret bil-miktub mill-esportatur jew, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bir-responsabilità taqa' fuq l-esportatur.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jimla kemm iċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni, li kampjuni tagħhom jidhru fl-Appendiċi 3. Dawn il-formoli għandhom jimtlew f'xi waħda mil-lingwi elenkti fl-Artikolu 337 ta' dan il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet tal-liggi nazzjonali tal-Parti li tesporta. Jekk miktuba bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Meta l-kaxxa ma tkunx mimlija kompletament, għandu jkun hemm sinjal orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u l-ispazju vojt għandu jkun ingassat.
3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandu jkun lest li jissottometti fkull ħin, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jippruwaw l-istatus tal-oriġini tal-prodotti konċernati kif ukoll li ġew sodisfatti r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

4. Ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Pajjiż Andin firmatarju jekk il-prodotti konċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
5. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali li joħorġu c-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus orīginarju tal-prodotti u li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness. Għal dan il-għan, dawn l-awtoritajiet għandu jkollhom id-dritt li jitkolbu kull evidenza u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kull kontroll ieħor meqjus xieraq. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk l-ispażju riżervat għad-deskriżzjoni tal-prodotti jkunx imtela b'mod li jeskludi kull possibbiltà ta' addizzjonijiet qarrieqa.
6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandha tkun indikata fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat.
7. Ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali u jkun disponibbli għall-esportatur malli l-esportazzjoni attwali tkun għiet effettwata jew żgurata.

## ARTIKOLU 17

### Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 Maħruġ Retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 16, paragrafu 7, ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 jista' b'mod eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirreferi jekk:
  - (a) ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni ma jkunx inħareġ fil-waqt tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali; jew
  - (b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali li nħareġ ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 iżda ma jkunx ġie aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.
2. Għall-implementazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fuq l-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirreferi c-ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 u jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.
3. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 retrospettivament biss wara li jivverifikaw li t-tagħrif provdut fl-applikazzjoni tal-esportatur jikkoinċi idha ma' dak fil-fajl korrispondenti.

4. Iċ-Ċertifikati ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom jiġu ċertifikati b'waħda minn dawn il-frażijiet:

BG "ИЗДАЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ"  
ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"  
CS "VYSTAVENO DODATEČNE"  
DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"  
DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"  
ET "TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD"  
EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"  
EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"  
FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"  
IT "RILASCIATO A POSTERIORI"  
LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"  
LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"  
HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"  
MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"  
NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"  
PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"  
PT "EMITIDO A POSTERIORI"  
RO "EMIS A POSTERIORI"  
SK "VYDANÉ DODATOČNE"  
SL "IZDANO NAKNADNO"  
FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"  
SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

5. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-kaxxa tar- "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1.

## ARTIKOLU 18

### Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Ċirkolazzjoni EUR.1 Duplikat

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1, l-esportatur jista' jaapplika għand l-awtorità kompetenti jew l-awtorità doganali li ħarġet dan iċ-ċertifikat għal kopja duplikata mfassla abbażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tiegħu.
2. Il-kopja duplikata maħruġa skont il-paragrafu 1 għandha tiġi ċċertifikata b'waħda minn dawn il-kliem:

BG “ДУБЛИКАТ”

ES “DUPLICADO”

CS “DUPLIKÁT”

DA “DUPLIKAT”

DE “DUPLIKAT”

ET “DUPLIKAAT”

EL “АНТИГРАФО”

EN “DUPLICATE”

FR “DUPLICATA”

IT “DUPLICATO”

LV "DUBLIKĀTS"  
LT "DUBLIKATAS"  
HU "MÁSODLAT"  
MT "DUPLIKAT"  
NL "DUPLICAAT"  
PL "DUPLIKAT"  
PT "SEGUNDA VIA"  
RO "DUPLICAT"  
SK "DUPLIKÁT"  
SL "DVOJNIK"  
FI "KAKSOISKAPPALLE"  
SV "DUPLIKAT"

3. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddahħħal fil-kaxxa 'Rimarki' taċ-ċertifikat duplikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1.
4. Il-kopja duplikata, li għandu jkollha d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' ċirkolazzjoni EUR.1, għandha tibda tapplika minn dik id-data.

## ARTIKOLU 19

Ħruġ ta' Ċertifikati ta' Ċirkolazzjoni EUR.1  
abbażi ta' Prova tal-Oriġini maħruġa jew mfassla qabel

Meta prodotti oriġinarji jitpoġġew taħt il-kontroll ta' awtorità tad-dwana fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju, għandu jkun possibbli li l-prova tal-oriġini oriġinali tiġi sostitwita b'ċertifikat wieħed jew aktar ta' ċirkolazzjoni EUR.1 bl-ġħan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu x' imkien ieħor fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju. Iċ-ċertifikat(i) ta' ċirkolazzjoni ta' sostituzzjoni EUR.1 għandu/hom jinħareġ/ġu mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità doganali, f'dan l-aħħar każ, li taħt il-kontroll tagħha jitqiegħdu l-prodotti.

## ARTIKOLU 20

Kondizzjonijiet biex Titfassal Dikjarazzjoni fuq il-Fattura

1. Dikjarazzjoni fuq il-fattura kif imsemmi fl-Artikolu 15, sottoparagrafu 1(b), tista' titfassal:

- (a) minn esportatur approvat skond l-Artikolu 21, jew
- (b) minn kull esportatur għal kull kunsinna li tikkonsisti f' imballaġġ wieħed jew aktar li fih prodotti oriġinarji li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6 000.

2. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' titfassal jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'Parti u jissodis faw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
3. L-esportatur li jfassal dikjarazzjoni fuq il-fattura għandu jkun lest li jissottometti fi kwalunkwe ħin, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta, kull dokument xieraq li juri l-istatus orīginarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li ġew sodis fatti r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
4. Dikjarazzjoni fuq il-fattura għandha titfassal mill-esportatur billi jittajpjja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, fuq in-nota ta' kunsinna jew fuq dokument kummerċjali ieħor, it-test tad-dikjarazzjoni li jidher fl-Appendiċi 4, billi juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi mniżżla f'dak l-Appendiċi u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Parti li tesporta. Jekk id-dikjarazzjoni ssir bl-id, għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati.
5. Id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura għandu jkollhom il-firma orīgnali tal-esportatur miktuba bl-id. Iżda, esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 ma għandux jintalab jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet kemm-il darba l-esportatur jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta impenn bil-miktub li huwa jaċċetta r-responsabbiltà kollha għal dikjarazzjoni fuq il-fattura li tidentifikah daqslik ieku kienet iffirmata bl-id minnu.
6. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' titfassal mill-esportatur meta l-prodotti marbutin magħha jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kondizzjoni li tiġi ppreżentata fil-Parti li timporta sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti marbutin magħha.

## ARTIKOLU 21

### Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali tal-Parti li tesporta jistgħu jawtorizzaw lil kull esportatur (minn issa 'l quddiem "esportatur approvat") li jagħmel kuns inni ta' spiss ta' prodotti li jaqgħu taħt dan il-Ftehim ifassal id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jitlob din l-awtorizzazzjoni jrid joffri għas-sodis fazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali l-garanziji kollha meħtieġa biex jiġi verifikat l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kif ukoll it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali jistgħu jaġħtu status ta' esportatur approvat suġġett għal kull kondizzjoni li jaraw xierqa.
3. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali għandhom jaġħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' fuq il-fattura.
4. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Dawn l-awtoritajiet għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jibqax jissod isfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew b'xi mod ieħor jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni.

## ARTIKOLU 22

### Validità tal-Prova tal-Oriġini

1. Prova tal-oriġini għandha tkun valida għal 12-il xahar mid-data li jinħareġ ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1, jew mid-data li fiha titfassal dikjarazzjoni fuq il-fattura fil-Parti li tesporta. Din il-prova tal-oriġini trid tiġi ppreżentata fi żmien il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta, skont il-liġi nazzjonali tagħha.
2. Il-provi tal-oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta wara d-data finali għall-preżentazzjoni kif speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqgħu għall-ġhan li jkun applikat trattament preferenzjali, fejn in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali jkun seħħ minħabba raġunijiet ta' ċirkostanzi eċċeżżjonali.

3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni li ssir tard, l-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta jistgħu, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, jaċċettaw il-provi tal-oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew sottomessi qabel id-data finali msemmija.
4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3, jekk prova tal-oriġini ma tiġix ippreżentata fil-ħin tal-importazzjoni, l-importatur irid jiddikjara lill-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta l-ħsieb tiegħu li jitlob trattament ta' tariffa preferenzjali għall-prodotti kkonċernati.

## ARTIKOLU 23

### Preżentazzjoni ta' Prova tal-Oriġini

Għandhom jiġu ppreżentati provi tal-oriġini lill-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta skont il-proċeduri applikabbli f'dik il-Parti. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu wkoll jitkolbu traduzzjoni tal-prova tal-oriġini u li d-dikkjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn stqarrija mingħand l-importatur li l-prodotti jissodis faw il-kondizzjonijiet meħtieġa biex jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 24

### Importazzjoni Rateali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u skont il-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, jiġu importati ratealment prodotti żarmati jew mhux armati fis-sens tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu fit-Taqsimiet XVI u XVII jew taħt l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, għandha tiġi preżentata prova waħda tal-oriġini għal tali prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel rata.

## ARTIKOLU 25

### Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini

1. Prodotti li jintbagħtu bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li huma parti mill-valiġġi personali ta' vjaġġatur ikunu ammessi bħala prodotti orīginarji mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni tal-provi tal-oriġini, sakemm prodotti bħal dawn ma jkun ux-importati b'kummerċ, ikunu ddikjarati li jissodis faw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-eżattezza ta' dikjarazzjoni bħal din. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana jew fuq karta meħmuża ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet li jkunu okkażjonal u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tad-destinatarji jew ta' vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet b'kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm ebda ħsieb ta' skop kummerċjali.
3. Il-valur totali tal-prodotti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandux ikun iktar minn:
  - (a) għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jkunu parti minn valiġġja personali ta' vjaġġatur;
  - (b) għall-importazzjoni f'Pajjiż Andin firmatarju, 2 000 dollaru Amerikan fil-każ ta' pakketti żgħar jew 1 000 dollaru Amerikan fil-każ ta' prodotti li jkunu parti minn valiġġja personali ta' vjaġġatur.
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, f'każijiet fejn il-prodotti jiġu ffatturati f'valuta li ma tkunx la l-euro u lanqas id-dollaru Amerikan, jiġu stabbiliti ammonti fil-valuti nazzjonali tal-Partijiet li jkunu ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro jew f'dollari Amerikani skont ir-rata ta' kambju kurrenti applikabbi fil-Parti li timporta.

## ARTIKOLU 26

### Dokumenti ta' Sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16, paragrafu 3 u l-Artikolu 20, paragrafu 3 li jintużaw biex jippruvaw li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew dikjarazzjoni fuq fattura jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'Parti u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness, jistgħu jikkonsistu, *inter alia*, f'dan li ġej:

- (a) evidenza diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb l-oġġetti kkonċernati, li jinsabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;
- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus orīginarju ta' materjali użati, maħruġa jew imfassla fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji, meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom;
- (c) dokumenti li jippruvaw ix-xogħol jew l-ipproċessar ta' materjali fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji, maħruġa jew imfassla fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji, meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom; jew
- (d) ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew dikjarazzjonijiet fuq il-fattura li jippruvaw l-istatus orīginarju ta' materjali użati, maħruġa jew imfassla f'Parti b'konformità ma' dan l-Anness.

## ARTIKOLU 27

### Żamma tal-Prova tal-Oriġini u Dokumenti ta' Sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandu jżomm id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16, paragrafu 3 għal mill-anqas tliet snin.
2. L-esportatur li jfassal dikkarazzjoni fuq il-fattura għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopja ta' din id-dikkrazzjoni fuq il-fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 20, paragrafu 3.
3. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta li toħroġ ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin il-formula tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 16, paragrafu 2.
4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jew l-importatur, b'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Parti li timporta, għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 u d-dikkrazzjonijiet fuq il-fattura ppreżentati lilhom jew minnhom stess.

## ARTIKOLU 28

### Diskrepanzi u Żbalji Formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju tad-dwana bl-ġħan tat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma għandhiex *ipso facto* tirrendi l-prova tal-oriġini nulla u bla effett jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.
2. Żbalji formali ovvji, bħalma huma żbalji tat-tajping, fi prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rifżutat jekk dawn l-iż-żbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

## ARTIKOLU 29

### Ammonti Espressi f'Euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20, sottoparagrafu 1(b) u tal-Artikolu 25, paragrafu 3, f'każijiet fejn il-prodotti jkunu fatturati f'valuta li mhix l-euro, l-ammonti fil-valuti nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jkunu ekwivalenti għall-ammonti espressi feuro għandhom jiġu ffissati kull sena mill-Unjoni Ewropea u jintbagħtu lill-Pajjiżi Andini firmatarji.

2. Kunsinna għandha tibbene fika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 subparagrafu 1(b) jew l-Artikolu 25 paragrafu 3 ujkollha bħala referenza l-valuta li fiha titfassal il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-Unjoni Ewropea.
3. L-ammonti li jintużaw fi kwalunkwe valuta nazzjonali partikolari tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-valuta tal-ammonti espressi f'euro kif ikunu fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Pajjiżi Andini firmatarji b'dawn l-ammonti sal-15 ta' Ottubru u dawn l-ammonti għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.
4. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jżidu jew inaqqsu l-ammont li jirriżulta mill-kambju fil-valuta nazzjonali ta' somma expressa f'euro, biex tinkiseb ċifra għad-dritt. Is-somma hekk miksuba ma tistax tvarja b'aktar minn ħamsa fil-mija mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jżommu hekk kif ikun l-ammont ekwivalenti fil-valuta nazzjonali tagħhom ta' ammont f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel ma jingħibed għad-dritt, jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 fil-mija fl-ekwivalenti tal-valuta nazzjonali. L-ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' jinżamm mhux mibdul jekk il-konverżjoni tirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.
5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu riveduti mis-Sottokumitat fuq talba ta' xi Parti. Meta jkun qiegħed jagħmel din ir-reviżjoni s-Sottokumitat għandu jikkuns idra kemm huwa mixtieq li jkunu ppreżzervati l-effetti tal-limiti kkonċernati f'termini reali. Għal dan il-għan is-Sottokumitat jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi feuro.

## TAQSIMA 5

### ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATIVA

#### ARTIKOLU 30

##### Kooperazzjoni bejn Awtoritajiet Kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Pajjiżi Andini firmatarji għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, stampi kampjuni tat-timbri użati għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1, flimkien mal-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali responsabbli li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u dikjarazzjonijiet fuq il-fattura.
2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Pajjiżi Andini firmatarji għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, tagħrif dwar l-istruttura tan-numri ta' awtorizzazzjoni għall-esportaturi approvati. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali għandhom jikkoperaw, permezz tal-punti ta' kuntatt tagħhom, f'każ li jkun hemm ħtieġa għal aktar konsultazzjoni dwar dawn in-numri.

3. Kull tibdil fl-elementi msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 għandu jiġi nnotifikat mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet l-oħra mingħajr dewmien żejjed, bl-indikazzjoni tad-data ta' meta seħħew dawn it-tibdiliet.
4. Sabiex tīgħi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Andini firmatarji għandhom jgħinu lil xulxin permezz tal-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali, fl-ispezzjonar tal-awtencitā taċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura u l-eżattezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

## ARTIKOLU 31

### Verifika tal-Provi tal-Orġini

1. Il-verifikasi sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jkollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtencitā ta' dawn id-dokumenti, l-i-status orīginarju tal-prodotti kkonċernati jew is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

2. Għall-għanijiet ta' implementazzjoni tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 u l-fattura, jekk tkun għiet sottomessa, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta filwaqt li jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-investigazzjoni. Kwalunkwe dokument u tagħrif miksub li jindikaw li t-tagħrif muri fuq il-provi tal-oriġini mhux korrett għandu jintbagħat bħala appoġġ għat-talba ta' verifika.
3. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta. Għal dan il-ġhan, dawn l-awtoritajiet għandu jkollhom id-dritt li jitkolbu kull evidenza u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kull kontroll ieħor meqjus xieraq.
4. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jiddeċ-iedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lill-importatur suġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li titqies meħtieġa.
5. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali li jitkolbu għall-verifika għandhom ikunu informati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati jridu jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'Parti u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju rägonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha tagħrif biżżejjed biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba għandhom, għajr fċirkostanzi eċċeazzjonali, jiċħdu l-intitolament għall-preferenzi.
7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-komunikazzjonijiet ta' ħidma bejn l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet li jimportaw u dawk li jesportaw għandhom isiru bl-Ingliż jew bl-Ispanjol, jew iċunu akkumpanjati minn traduzzjoni bl-Ingliż jew bl-Ispanjol.

## ARTIKOLU 32

### Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Meta jinqala' tilwim dwar il-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 31 li ma tistax tinstab soluzzjoni għalih bejn l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali li jitkolbu verifika u l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali responsabbi mit-twettiq ta' din il-verifika, jew meta jqumu xi kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-Anness, għandhom jiġu sottomessi lis-Sottokumitat.

2. F'każ li ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti, il-Parti milquta tista' tirrikorri għall-mekkaniżmu ta' soluzzjoni ta' tilwim skont it-Titolu XII (Soluzzjoni ta' Tilwim) ta' dan il-Ftehim. F'dan il-każ, għandhom jitqiesu l-konsultazzjonijiet magħmula fis-Sottokumitat għall-proċedura ta' konsultazzjonijiet stabbilita fil-mekkaniżmu ta' so luuzzjoni ta' tilwim.
3. Kull każ dwar tilwima bejn importatur u l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet do ganali tal-Parti li timporta għandha tinstab so luuzzjoni għalih skont il-leġiżlazzjoni ta' dik il-Parti.

## ARTIKOLU 33

### Penalijiet

Għandhom jiġu imposti penalitajiet skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva ta' kull Parti, fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża li jitfassal, dokument li jkun fih tagħrif żbaljat bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

## **ARTIKOLU 34**

### **Żoni liberi**

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li prodotti nne gozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li matul it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju rispettiv tagħhom, ma jinbidlux bi prodotti oħrajn u li ma jsirilhom xejn għajr operazzjonijiet normali maħsubin biex ma ssirilhomx īxsara.
2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew f'Pajjiż Andin firmatarju jidħlu f'żona libera li tinsab fit-territorju tagħhom taħt kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet kkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 ġdid fuq it-talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-iproċessar li għaddew minnu huwa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

## **TAQSIMA 6**

### **CEUTA U MELILLA**

## **ARTIKOLU 35**

### **Applikazzjoni ta' dan l-Anness**

1. Il-kelma "Unjoni Ewropea" użata fl-Artikolu 2 ma tkoprix lil Ceuta u Melilla.

2. Prodotti li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju, meta jiġu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom jibbenefikaw mill-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti li joriġinaw fit-territorju tad-dwana tal-Unjoni Ewropea skont *il-Protokoll 2 tal-Att ta' Adeżjoni mal-Komunitajiet Ewropej tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża*. Il-Pajjiżi Andini firmatarji għandhom japplikaw fuq il-prodotti importati taħt dan il-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fiha.
3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan l-Anness għandu japplika *mutatis mutandis* soġġett għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 36.

## ARTIKOLU 36

### Kondizzjonijiet speċjali

1. Kemm-il darba jkunu ġew ttrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:
  - (a) prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla:
    - (i) prodotti miksuba kompletament minn Ceuta u Melilla; jew

(ii) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti għajr dawk imsemmija fis-sottoparagrafu 1(a)(i), kemm-il darba:

(A) il-prodotti msemmija jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6;

jew li

(B) dawk il-prodotti joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dawk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7;

(b) prodotti li joriġinaw f'Pajjiż Andin firmatarju:

(i) prodotti kompletament miksuba f'dan il-Pajjiż Andin firmatarju; jew

(ii) prodotti miksuba f'dak il-Pajjiż Andin firmatarju, li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti għajr dawk imsemmija fis-sottoparagrafu 1(b)(i), kemm-il darba:

(A) il-prodotti msemmija jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6;

jew li

- (B) dawk il-prodotti joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu ġew suġġetti għal xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7.
2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.
  3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżeł "Kolombja" jew "Perù" u "Ceuta u Melilla" fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura. Barra minn dan, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura.
  4. L-awtoritajiet do ganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbi għall-applikazzjoni ta' dan l-Anness f'Ceuta u Melilla.

## TAQSIMA 7

### DISPOŻIZZJONIET FINALI

#### ARTIKOLU 37

##### Modifikasi f'dan l-Anness

Skont l-Artikolu 13, sottoparagrafu 2(g)(iii) ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jimmodifika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

#### ARTIKOLU 38

##### Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Prodotti fi Tranżitu jew f'Ħażna

Dan il-Ftehim jista' japplika għal prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu jew fi tranżitu jew f'Parti f'ħażna temporanja fi mħażen doganali jew f'żoni ħielsa, suġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, fi żmien 12-il xahar minn dikt id-data, ta' prova tal-oriġini maħruġa b'mod retrospektiv flimkien mad-dokumenti li juru li l-prodotti ġew trasportati direttament skont l-Artikolu 13.

## APPENDIX 1

### NOTI INTRODUTTIVI GĦAL-LISTA FL-ANNESS 2

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha biex ikunu kkunsidrati bħala maħduma jew ipproċessati b'mod suffiċjenti skont l-Artikolu 6 ta' dan l-Anness.

Nota 2:

- 2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna turi n-numru tal-intestatura jew numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna turi d-deskrizzjoni tal-prodotti użati f'dik is-Sistema taħt dik l-intestatura jew kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonna, hemm regola speċifikata fil-kolonna 3 jew 4. Fejn, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna jkollha quddiemha "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.
- 2.2. Fejn diversi numri tal-intestatura jinġabru fl-istess grupp fil-kolonna 1 jew jingħata numru ta' kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għalhekk tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli biswit fil-kolonni 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati f'intestaturi tal-kapitolu korrispondenti jew f'xi waħda mill-intestaturi fl-istess grupp fil-kolonna 1.

- 2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li jkunu japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura koperta bir-regoli biswitha fil-kolonna 3 jew 4.
- 2.4. Fejn, għal dħul fl-ewwel żewġ kolonni, hija speċifikata regola fiż-żewġ kolonni 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik dikjarata fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola ta' orġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

- 3.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ta' dan l-Anness, dwar prodotti li jkunu kisbu status orīginarju li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f-fabbrika oħra fl-Unjoni Ewropea jew fil-Pajjiżi Andini firmatarji.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali mhux orīginarji li jistgħu jiġu inkorporati ma jistax jaqbeż il-50 fil-mija tal-prezz ex fabbrika, hija magħmulu minn "illigi oħra tal-azzar mogħtija għamla ġarxa bil-forġa" tal-intestatura ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fl-Unjoni Ewropea minn ingott mhux orīginarju, tkun diġà kisbet status orīginarju permezz tar-regola tal-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa, b'hekk, jista' jitqies bħala orīginarju fil-kalkolu tal-valur tal-magna, mingħajr ma jingħata każ-jekk kinitx prodotta fl-istess fabbrika jew f'xi fabbrika oħra fl-Unjoni Ewropea. Il-valur tal-ingott mhux orīginarju għalhekk ma jitqiesx meta ssir is-somma tal-valur tal-materjali mhux orīginarji li jintużaw.

- 3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jagħti status ta' oriġini; mill-banda l-oħra, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status ta' oriġini. B'hekk, jekk xi regola tiprovd li materjal li ma joriġinax jista' jintuża fċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju preċedenti huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju sussegwenti ma huwiex permess.
- 3.3. Mingħajr ħsara għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni “manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura”, jistgħu jintużaw materjali ta’ kwalunkwe intestatura (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), soġġetti, iżda, għal kwalunkwe limitu spċifiku li jista' jinsab ukoll fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni “manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura ...” jew “manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura tal-prodott” tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta’ kwalunkwe intestatura, ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar minn wieħed, iżda mhux meħtieġ li jintuża kollu.

Eżempju:

Ir-regola dwar tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovd li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarrijiet oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn; jista' jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun manifatturat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni naturalment ma żżommokx milli tuża materjali oħra li minħabba n-natura tagħhom stess ma jistgħux jissod is-faw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew derivattivi tagħhom, ma żżommokx li tuża melħ minerali, sustanzi kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu mmanifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' l-bies taħt l-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma mhux oriġinarji għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru minn dawn il-ħjut mibruma. F'każi jiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu normalment ikun fl-istadju ta' qabel ma jsir il-ħajt – jiġifieri, l-istadju tal-fibra.

- 3.6. Meta. fir-regola fil-lista, tnejn jew aktar perċentwali jingħataw għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarju li jistgħu jintużaw, allura dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali li ma joriġinawx qatt ma jista' jaqbeż l-għola wieħed mill-perċentwali murija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma għandhomx jinqabżu fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

Nota 4:

- 4.1. It-terminu "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri minbarra fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel l-ġhażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxin, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux mibruma.

- 4.2. Il-kliem "fibri naturali" jinkludu xagħar iż-żiemel ta' l-intestatura 0503, ġarir ta' l-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf ta' l-annimali fin jew oħxon ta' l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton ta' l-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra ta' l-intestaturi 5301 sa 5305.
- 4.3. Il-kliem "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issiru il-karta" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mħumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibrijew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.
- 4.4. Il-kliem "fibri bażiċi magħmula mill-bniedem" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestatura 5501 sa 5507.

Nota 5:

- 5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għaldin in-Nota, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ma għandhomx jiġu applikati għal xi materjali ta' tessuti bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta meħudin flimkien, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew anqas tal-piż totali tal-materjali ta' tessuti bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma t-tessuti bażiċi:

- l-ġhażel,
- is-suf,
- ix-xagħar aħrax tal-annimali,
- ix-xagħar fin tal-annimali,
- il-krin,
- il-qoton,
- il-materjal li minnu ssir il-karta u l-karta,
- il-kittien,
- il-qanneb veru,
- il-ġuta u fibri tessili oħra jn tat-tilju,
- sisu u fibri oħra jn tat-tessuti tal-ġenus Agave,
- il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka u tessuti veġetali oħra,
- il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- filamenti konduttivi tal-kurrent elettriku,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem, tal-polipropileni,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem, tal-polijester,

- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem, tal-polijamid,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem, tal-poljakrilonitril,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem, tal-polimid,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem tal-polite-tra fluworuetilen,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmulin mill-bniedem tal-poli(sulfid tal-fenilin),
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) tal-poli(klorid tal-vinil) magħmula mill-bniedem,
- fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) oħrajn magħmula mill-bniedem,
- fibri artifiċjali ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmula mill-bniedem tal-visk,
- fibri artifiċjali ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) oħrajn magħmula mill-bniedem,
- ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polietere, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le,
- ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat, b'segmenti flessibbli ta' poliester, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le,
- prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksi ja bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita.
- prodotti oħrajn tal-intestatura 5605;

Eżempju:

Ħjut mibruma, ta' l-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton ta' l-intestatura 5203 u fibri bażiċi sintetiċi ta' l-intestatura 5506 huma ħjut mibruma mħallta. Għalhekk, fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) mhux orīginarji li ma jissod isfawx ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tessili) jistgħu jintużaw, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112 magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura Nru 5107 u ħajt sintetiku minn fibri bażiċi tal-intestatura 5509 huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħajt sintetiku li ma jissod isfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissod isfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintużza, bil-kundizzjoni li l-piż totali tiegħu ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp bit-troffa, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih innifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton li jintużaw ikunu huma stess taħlitiet.

Eżempju:

Ġaladarba t-tessut minsuġ bit-troffa kkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati huma żewġ materjali bażiċi tat-tessut separati u t-tessut minsuġ bit-troffa huwa, għalhekk, prodott imħallat.

- 5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polietere, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le" din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-ripett ta' dawn il-ħjut.
- 5.4. Fil-każ ta' prodotti li fihom "strippa li tikkonsisti minn qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksiha bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6:

- 6.1. Meta, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, jistgħu jintużaw materjali ta' tessuti li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott ippreparat ikkonċernat, sakemm ikunu kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott u sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz ex-fabrika tal-prodott.
- 6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw liberament fil-manifattura ta' prodotti tat-tessuti, kemm jekk fihom it-tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tiprovvdi li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jwaqqfx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma buttuni, minħabba li l-buttni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, hija ma timpedixx l-użu ta' zippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

- 6.3. Meta tapplika regola ta' perċentwali, il-valur tal-materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali li ma joriġinawx inkorporati.

Nota 7:

7.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni taħt vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) tifqiegħ;
- (d) formazzjoni mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni b'sustanzi attivi b'mod naturali, sustanzi attivati, faħam tal-kannol jew boksajt attivati;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni; u
- (i) iżomerizzazzjoni.

7.2. Għall-iskop ġejjet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il- "proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni taħt vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) tifqiegħ;
- (d) formazzjoni mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: iproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni b'sustanzi attivi b'mod naturali, sustanzi attivati, faħam tal-kannol jew boksajt attivati;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni;
- (i) iżomerizzazzjoni;

- (j) fir-rigward taż-żjut ta' densità għolja tal-intestatura ex 2710 biss, id-desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 fil-mija tal-kontenut ta' kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);
- (k) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, it-tnejħhija tal-pitrolji bi proċcess ieħor għajr il-filtrazzjoni;
- (l) fir-rigward taż-żjut ta' densità għolja tal-intestatura ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250°C, bl-użu ta' katalist, għajr biex issir id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura 2710 (eż. it-tlestija bl-ilma – hydrofinishing – jew it-tnejħhija tal-kulur) sabiex, speċjalment, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, m'għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala proċess speċifiku;
- (m) fir-rigward ta' żjut tal-fjuwil tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, bil-kondizzjoni li jiġu ddistillati anqas minn 30 fil-mija ta' dawn il-prodotti, bħala volum, inkluż il-mitluf, f'temperatura ta' 300°C, bil-metodu ASTM D 86;
- (n) fir-rigward ta' żjut ta' densità għolja għajr in-nafta u ż-żjut kombustibbli tal-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta' brush-discharge elettrika ta' frekwenza għolja; u

- (o) fir-rigward ta' prodotti mhux irfinati (minbarra petroleum jelly, ozočerit, xama' tal-linjite jew xama' tal-pit, xama' bajda li fiha bħala piż anqas minn 0,75 fil-mija ta' żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, it-tnejħħija ta' żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-iskopijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, tferriegħ, tnejħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, filtrazzjoni, kulur, immarkar, determinazzjoni tal-kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenut ta' kubrit differenti, jew kull taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-oriġini.

## APPENDIĊI 2

### LISTA TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR LI HUWA MEĦTIEĠ LI JSIR FUQ MATERJALI LI MHUMIEX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JIKSEB STATUS ORIĠINARJU

Il-prodotti msemmijin fil-lista jistgħu ma jkunux kollha koperti b'dan il-Ftehim. Huwa, għalhekk, meħtieġ li jkunu kkonsultati l-partijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim

Intestatura tal-SA (1)	Deskrizzjoni tal-prodott (2)	Xogħol jew ipproċessar, li sar fuq materjali li mhumiex orīginarji, li jikkonferixxi status orīginarju (3) jew (4)
Kapitolu 01	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom jink isbu kompletament
Kapitolu 02	Laħam u ġewwieni ta' annimali jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati jinkisbu kompletament.
Kapitolu 03	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati oħra tal-ilma	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox
ex Kapitolu 04 0403	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr: Xorrox tal-butir, ħalib imbaqqat u krema, jo għort, kepħir u ħalib jew krema iffermentat/a jew aċċidifikat/a, konċentrat jew mhux jew li fih iz-zokkor miżjud jew sustanzi oħra ta' ħlewwa jew ta' togħma jew li fih frott, ġwież jew kakaw miżjudha	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox  Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 4 jinkisbu kompletament, u - il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċesar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
ex Kapitolu 05  ex 0502	Prodotti li ġejj in mill-annimali, mhux spċifikati jew inklużi band'oħra; għajr:  Lanżit u xagħar preparati tal-ħnieżer, tal-majjali tas-simna jew taċ-ċin għali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 u żati jin kisbu kompletament <sup>1</sup> Tindif, diżinfettar, issortjar u ddrittar ta' lanżit u xagħar		
Kapitolu 06	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u affarrijiet bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamenti	Il-prodotti kollha tal-Kapitolu 6 għandhom jinkisbu kompletament		
Kapitolu 07	Veġetalu u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox		
Kapitolu 08	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn: - il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 8 jinkisbu kompletament, u - il-valor tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott		
ex Kapitolu 09  0901	Kafè, tè, matè u ħwawar; għajr: Kafè, kemm jekk inkaljat jew mingħajr kafeina kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 u żati jin kisbu kompletament <sup>2</sup>		
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox		

<sup>1</sup> Fil-każ ta' prodotti tal-intestatura 0504, tapplika r-regola tal-Artikolu 5(1)(c).

<sup>2</sup> Ara n-Nota 1 tal-Appendiċi 2A.

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċesar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
ex Kapitolu 11 1101	Prodotti tal-industrija tad-diqiq; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn il-veġetal kollha li jittieklu, l-għeruq u tuberi tal-Kapitolu 7, il-frott tal-Kapitolu 8 u c-ċereali tal-Kapitolu 10 jinkisbu kompletament. Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott		
ex 1102	Dqiq tal-qamħ	Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u - fejn il-piż tal-qamħirrum abjad tal-intestatura 1005 użat ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-piż totali tal-prodott		
ex 1106	Dqiq, frak u trab tal-ħxejjex leguminużi mqaxxa u mnixxa tal-intestaura 0713	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott		
ex 1108	Lamtu tal-qamħirrum	Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u - fejn il-piż tal-qamħirrum isfar tal-intestatura 1005 użat ma jaqbiżx 20 fil-mija tal-piż totali tal-prodott		
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnja; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba għal kolloxx		

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, li sar fuq materjali li mhumieks oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
1301	Gommalakka; gomo m naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestatura 1301 ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott		
1302	Is-sugu u l-estratti tal-ħxejjex tal-ikel; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġnijiet oħra u materjali li jħaxxu, modifikati jew le, derivattivi minn prodotti veġetali: - Muċilaġnijiet u materjali li jħaxxu, modifikati, miksuba minn prodotti veġetali - Sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati  - Oħrajn	Manifattura minn muċilaġnijiet u materjali li jħaxxu (koagulanti) mhux modifikati Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott
Kapitolu 14	Materjali għall-immaljar tal-ħaxix; prodotti veġetali li mhumieks spċificati jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba ġhal kollox		
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u prodotti tal-idroliżi tagħhom; xaħmijiet li jittieku lu mhejjja; xama' mill-annimali jew veġetali; għajr: Żejt tas-soja, żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux modifikati kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott		
1507 sa 1508		Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott <sup>3</sup>		

3

Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A ta' dan l-Anness.

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
1509 sa 1511	Żejt taż-żebug, żjut oħra miksuba biss miż-żebug, žeit tal-palm u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux kimikament modifikati	Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu miksuba kollha kemm huma		
1512 sa 1515	Żerriegħa tal-ġirasol, għosfor jew żerriegħa tal-qoton, ġewż tal-indi (kopra), ġewża tal-palma, babassu, rapa, kolza, mustarda, xaħmijiet u żjut veġetali oħra fissi (inkluż iż-żejt tal-jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, iżda mhux kimikament modifikati	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, tħlief dik tal-prodott <sup>4</sup>		
1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parżjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar Margherina; taħlitiet jew preparati li jittieklu ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew ħxejjex jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, li mhumiex xaħmijiet jew żjut li jittieklu tal-intestatura 1516 jew frazzjonijiet tagħhom	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqb iżx 20 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott <sup>5</sup>		
1517		Manifattura fejn: - tal-inqas 40 fil-mija bħala piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati huma oriġinarji, u - il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqb iżx 20 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott <sup>6</sup>		
Kapitolu 16	Preparati ta' laħam, ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati oħra tal-ilma	Manifattura: - mill-annimali tal-Kapitolu 1, u - fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu kompletament		

<sup>4</sup> Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.

<sup>5</sup> Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.

<sup>6</sup> Ara n-Nota 2 tal-Appendiċi 2A.

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
ex Kapitolu 17  1702  1704	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:  Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju kimikament pur, maltożju, glukożu u fruttożju, f' forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx sustanzi ta' togħma jew kulur miżjudin; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamel: Ħelu (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief dak tal-prodott  Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe kapitolu ieħor, ħlief dak tal-prodott u l-Kapitolu 11  Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u - fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott		
ex Kapitolu 18  1803 sa 1805  1806	Kawkaw u preparati mill-kawkaw; għajr:  Pejst tal-kawkaw, bix-xaħam imneħħi jew le butir, xaħam u żejt tal-kawkaw; trab tal-kawkaw, mingħajr żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jaġħmel ħelu  Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 18 użati għandhom ikunu miksuba ġhal kollo  Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u - fejn il-piż tal-kakaw tal-intestaturi 1801 u 1802 użati ma jaqbżux 50 fil-mija tal-piż totali tal-prodott <sup>7</sup>  Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u - fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott		

<sup>7</sup>

Ara n-Nota 3 tal-Appendiċi 2A ta' dan l-Anness.

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċesar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
1901	<p>Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-diqq, <i>groats</i>, (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, mingħajr kawkaw jew li fiha anqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li mhumiex spċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel mill-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 5 fil-mija, bil-piż, tal-kawkaw ikkalkulat kompletament bla xaħam, mhux spċifikati jew inklużi x' imkien ieħor:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Estratt tax-xgħir</li> <li>- “Dulce de leche” (“arequipe” jew “manjar blanco”)</li> <li>- Preparazzjonijiet oħra tal-ħalib li fihom aktar minn 10 fil-mija bil-piż ta' sustanzi solidi tal-ħalib</li> <li>- Oħrajn</li> </ul>	<p>Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10</p> <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u</li> <li>- fejn il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-piż totali tal-prodott</li> </ul> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott</p> <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, u</li> <li>- fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott</li> </ul>		

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċesar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
1902	<p>Għażin, sew jekk imsajjar jew le jew mimli (b'laħam jew sustanzi oħra) jew preparazzjonijiet mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, tarja, lażanja, njokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparat u kemm jekk le:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Li fihom 20 fil-mija jew anqas skont il-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustacjji jew molluski</li> <li>- Li fihom aktar minn 20 fil-mija skont il-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, krustacjji jew molluski</li> </ul>			
1903		Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati huma oriġinarji. Iżda jista' jintuża l-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu tal-Kapitolu 11		
1904	<p>Tap ioca u sostituti tagħha ppreparati mil-lamtu fil-forma ta' flejks, granuli, perli, mgħarbla, jew fforom simili</p> <p>Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrum (qamħ) fforma ta' ħbub jew fforma ta' qxur jew qmuħ oħrajn mahđumin (ħlief dqiq, groats u pasta), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex spċificati jew inklużi band'oħra</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Manifattura fejn: <ul style="list-style-type: none"> <li>- il-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati huma oriġinarji. Iżda jista' jintuża l-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu tal-Kapitolu 11, u</li> <li>- il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 3 li jintużaw jinkisbu kompletament</li> </ul> </li> <li>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr mil-lamtu tal-patata tal-intestatura 1108</li> <li>Manifattura: <ul style="list-style-type: none"> <li>- minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestatura 1806,</li> <li>- fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 11 użati huma oriġinarji. Iżda, jistgħu jintużaw il-qamħ durum u qamħirrum tat-tip Zea indurata u d-derivattivi tagħhom tal-Kapitolu 11, u</li> <li>- fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 fil-mija tal-prezz ex-fabrika tal-prodott</li> </ul> </li> </ul>		

Intestatura tal-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċċasar, li sar fuq materjali li mhumiex oriġinarji, li jikkonferixxi status oriġinarju		
		(3)	jew	(4)
(1)	(2)			
1905	Ħobż, għażina, kejkijiet, gallettini u oġġetti [prodotti] oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tarbin, cachets vojta ta' kwalitā li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili	Manifattura: - minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-Kapitolu 11, u - fejn it-taħlitiet u l-ġegejjen għall-preparazzjoni tal-prodotti tal-furnara kklassifikati fl-intestatura 1901 ma jaqbżux 20 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott		
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjanti, għajr:	Manifattura fejn il-ħxejjex kollha, il-frott u l-ġewż tal-Kapitolu 7 u 8 użati jinkisbu kompletament		
ex 2001	Jam, patata ħelwa u partijet bħal dawn ta' pjanti li jittieklu li fihom 5 % jew iż-żed bħala piż ta' lamtu, ippreparat jew ippreżervat bil-hall jew bl-aċċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ghajjr dik tal-prodott		
2006	Ħxejjex, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (ixxutati, glasè jew mghasslin)	Manifattura fejn: - il-piż tal-materjali kollha tal-Kapitolu 7 u 8 użati ma jaqbiżx 50 fil-mija tal-piż totali tal-prodott, u - il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 fil-mija tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott		
